MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Numru 1169/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Joseph Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Spiteri ta' 66 sena mwieled ir-Rabat Malta nhar is-16 ta' Mejju 1940 bin il-mejjet Carmelo u il-mejta Maria nee Grech residenti gewwa Dar It-Torri L-ahmar Triq Gheriexem Ir-Rabat detentur ta' Kart atal-Identita Nru 392540M.

Billi gie akkuzat talli nhar it-3 ta’ Novembru 2006 ghall habta ta’ 6.30pm gewwa Triq Gheriexem Rabat Malta Volontarjament tgha in-nar lill-dar ta’ abitazzjoni u cioe’ saqaf tar-residenza ‘RomeoJuliet’ Triq Gheriexem Rabat Malta, meta hemm gew kien hemm persuni fil-waqt tal-hruq u dan ai terminu tal-artikolu 316 tal- kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess hin data lok u cirkostanzi tgha in-nar lill-bini, gharix, jew lok iehor u cioe’ saqaf tar-residenza ‘RomeoJuliet’ Triq Gheriexem Rabat Malta, jew volontarjament tgha nar lill-materjal li jaqbad u dan bini, gharix, jew lok iehor jew dan il- materjal ikun qied b’mod li jista jqabbad il- hruq lill-bini iehor, gharix jew lok iehor, fejn f’dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna u dan ai terminu tal-artikolu 317 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess hin data lok u cirkostanzi volontarjament Tgha in-nar lill-bini, gharix jew lok iehor u cioe saqaf tar-residenza ‘RomeoJuliet’ Triq Gheriexem Rabat Malta, imsemmi fl-artikolu 316, izda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, ikun qieghed b’mod li ma jistghax iqabbad lok iehor u dan ai terminu tal-artikolu 318 tal-Kap 9 tal-Ligiejiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ikkauganajt hsara volontarja a detriment ta’ Michael Scicluna mir-Rabat Malta liema hsara ticcedi il- Lm 50 Maltin u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess hin data lok u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat hedded b’gebel jew oggetti ohra iebsin lill-George Micallef Mir-Rabat Malta u dan ai terminu tal-artikolu 339 (B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess hin data lok u cirkostanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha u bjut tar-residenza tal-familja Micallef mir-Rabat Malta u dan ai terminu tal-artikolu 339(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 17 ta' Mejju, 2007, (Ara fol. 139 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difisa.

F'dan l-istadju issir referenza ghad-deposizzjoni ta' l-Ispettur Mario Tonna li fis-Seduta ta' 13 ta' Novembru, 2006, qal:

"Ara Sur Magistrat nhar it-3 ta' Novembru ta' din is-sena ghal; habta tas-sebgha neqes kwart certu Joseph George Micallef ta' tmienja u hamsin sena (58) li joqghod Romeo Juliet House fi Triq Gheriexem Rabat Malta kien irraporta lil Pulizija tar-Rabat li l-gar tieghu li huwa s-Sur Joseph Spiteri li qed naghrfu bhala l-imputat hawnhekk kien qabez fuq il-proprjeta' tieghu u kien tefa' xi likwidu fjammabli fuq il-bejt tieghu flimkien ma xi bicciet ta' craret u kien tahom in-nar. Micallef kien qal lil Pulizija li huwa kien qed jirranga d-dar tieghu f' sens li kien waqqa' xi parti mill-bini u kien qed jerga' jibni mill-gdid. Kien lesta x-shutter tal-injam sabiex jinghata l-konkos fuq saqaf u cioe' dan ix-xoghol kien ghamilulu certu Michael Scicluna bhala kuntrattur u kien ilmenta li s-Sur Spiteri kien ilu jaghmillu lmenti li ma riedx li dan is-saqaf u dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni isir.

Is-Sur Micallef kien irraporta wkoll li huwa kien gie avzat minn qabel kif ha nispjega iktar il' quddiem li s-Sur Spiteri qabbad dan ix-shutter u ghaldaqstant kien qaghadt ghassa u kien induna bin-nar li kien qabbad is-Sur Spiteri u prova jitfih. Waqt li Micallef kien qed jipprova jitfi dan in-nar is-Sur Spiteri kien tafghalu qasrija u siggu sabiex jipprova jwaqqfu milli jitfi dan in-nar halli jkompli jiehu n-0nar. Il-Pulizija marret fuq il-post fejn minn

investigazzjonijiet preliminari illi saru gie nnutat li fuq dan ix-shutter tal-injam kien hemm diversi irqajja tal-hruq, kien hemm jerry can tal-plastic li kienet ga mdewba bin-nar u kienet imdawwra b’ diversi lozor u bicciet tad-drapp u hwejjeg ohra waqt li kienet inxtamet riha qawwija ta’ petrol.

F’ dan il-mument is-Sur Joseph Spiteri l-imputat li joqghod bieb ma bieb mar-residenza tas-Sur Micallef u cioe’ Dar it-Torri, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat ipprezenta ruhu gewwa l-Ghassa tar-Rabat. Fejn hu kien qal li kien ikommetta dan ir-reat u talab lil Pulizija sabiex tarrestah. Nghid ukoll li s-Sur Spiteri mieghu kien gab ukoll valigga bil-hwejjeg peress li talab li jkun arrestat u kien gab il-hwejjeg mieghu biex ikunu fuqu gewwa l-lock up. Jiena kont infurmajt lil Magistrat tal-Ghassa Dr Antonio Giovanni Vella fejn kien qalli minhabba li l-Pulizija kellha din l-evidenza kollha, ma kienx hemm bzonn issir inkjesta Magisterjali u ghal daqs tant kont tlabt lil Fotografu tal-Forensika cioe’ PC 453 Brian Mangion sabiex jigi jiffotografa l-affarijiet fuq il-post u kif ukoll jeleva l-oggetti misjuba fuq il-post li ha nipprezenta iktar tard.

Is-Sur Spiteri kien beda jigi mitkellem minni fejn sija viva voce u sija anke quddiem membri tal-Pulizija kien wera d-dispjacir tieghu li d-dar ma komplitx taqbad. Meta wara li kellimtu jiena kont tlabtu sabiex jirrilaxxa stqarrija li t-tifel tieghu Rene u l-mara tieghu Geraldine kienu pruvaw izommuh milli jqabbad dan in-nar pero’ ma rnexxilhomx. Qabel irrilaxxa stqarrija huwa lili kien tani dokument li jissejjah *min hu Kontumaci ?* Dana kien prezentahuli qabel irrilaxxa l-istqarrija. Sussegwentement kien irrilaxxa zewg stqarrijiet li qeghdin prezentati fil-process. U wahda kienet fit-3 ta’ Novembru stess u wahda kienet fl-4 ta’ Novembru l-ghada, wara li kien inghata s-solita.

Naghmel referenza ghal dokument esebit MT u dokument MT 1 li jibdew minn fol 12 sa fol 20 li huma z-zewg stqarrijiet li rrilaxxa s-Sur Spiteri li naghraf il-firma tieghi u l-firma tas-Sur Spiteri u tal-Kuntistabbli 56 Jean Karl Grech. Naghmel referenza ukoll a fol 21 li huwa dokument immarkat bhala dok MT 4 li meta kienet saret

tfittxija fuq il-persuna tas-Sur Spiteri kienu gew elevati minn fuq il-persuna tieghu zewg lighters wahda hadra u wahda roza. Li kien inghata ircevuta ghalihom. Minn hawnhekk il-Pulizija kompliet bl-investigazzjonijiet taghha fejn gara tas-Sur Spiteri u cioe' certu Rita Muscat li se tigi prodotta xhud aktar il' quddiem irrilaxxat stqarrija mal-Pulizija fejn qalet dawn ghandhom parti in komun mir-residenza taghhom u cioe' biex jitla' fuq il-bejt is-Sur Spiteri irrid jghaddi mill-komun taghha. U ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kienet rat lis-Sur Spiteri iqandel jerry can bajda mimlija b' likwidu bazikament trasparenti . . . . fuq il-bejt li allegatament hija l-istess jerry can li kienet mimlija bil-petrol u mitfugha fuq il-bejt tas-Sur Micallef.

Nhar l-4 ta' Novembru tas-sena 2006 is-Sur Spiteri kien gie mressaq b' arrest mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli sabiex jirrispondi ghal akkuzi hawnhekk debitati lilu fejn kien ma nghatax il-liberta' Provvizorja u kien stqarr li mhux hati. Qieghed nipprezenta Sur Magistrat, Sur Magistrat qieghed nipprezenta dokumenti li ha jigu mmarkati kif gej. Dokument TMP 1 hija okkorenza li giet imdahhla fis-sistema tar-rappurtagg tal-Pulizija gewwa l-Ghassa r-Rabat. Dokument TMP 2 li huwa c-certifikat tat-twelid tal-imputat Joseph Spiteri. Dokument TMP 3 li ghandu t-titlu *Min hu Kontumaci ?* li jikkonsisti f' erbgha folji kif irreferejt qabel kien ghaddih lili s-Sur Spiteri.

Qieghed nipprezenta wkoll dokument li fih tlett faccati mmarkati bhala TMP 4 li huwa l-permess tal-MEPA mahrug lis-Sur Joe George Micallef u dan qed nipprezentah ghaliex allegatament is-Sur Spiteri ghamel dan ir-reat ghax skond hu is-Sur Micallef ma kellux permess tal-MEPA sabiex jaghmel il-kostruzzjoni mehtiega. Qieghed nipprezenta wkoll stqarrija li qed tigi mmarkata bhala dokument TMP 5 irrilaxxata mis-Sur Michael Scicluna il-kuntrattur tal-post fejn fuqha kien qal l-istima tal-hsarat li saru. Dokument TMP 6 huwa sett ta' tnejn u tletin (32) ritratt migbuda fuq il-post tal-incident mill-Kuntistabbli 453 Brian Mangion. Dokument TMP 7 hija borza kontenut bi hwejjeg, jerry can imdewweb u l-lighters li semmejt li gew elevati iktar kmieni u li qeghdin murija fid-dokumenti MP 6 bhala fotografija. Din il-borza

tikkontjeni diversi boroz li gew issigillati fuq il-post mill-Kuntistabbli 453 pero' l-kontenut kollu huwa ssigillat minni kollu f' daqqa."

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, qal:

"Ehe fl-istqarrija hemm diversi bicciet ta' ammissjonijiet biex nghid hekk. Fil-fatt nirreferi meta rrefera huwa stess li huwa kien hemm il-familjari tieghu li pruvaw izommuh huma stess milli jkompli jqabbad dan in-nar. Nghid ukoll illi anke viva voce kemm mieghi u kemm mas-Surgent kien ammetta li qabbad dan in-nar sabiex jiehu l-ligi b' idejh ghaliex kien kontra l-kostruzzjoni. Sahansitra lill-imputat kien qal li jiddispjacih li ma kompliex jaqbad dan il-bini. Mistoqsi biex nghid jekk f' xi hin mortx fuq il-post nghid li mort l-ghada fil-ghodu tal-Kaz peress li fil-ghaxija kien lahaq dalam u kont qed ninvestiga lil imputat. Mistoqsi jekk kellimtx lill-vittma lis-Sur Joe George Micallef nghid li kellimtu iva. Mistoqsi jekk kienx hemmx kwistjonijiet bejn Micallef u Spiteri nghid li Spiteri kien qalli li kien hemm diversi kustjonijiet sahansitra anki kien qalli mhux hu biss anki girien ohra li allegatament is-Sur Spiteri kien kemm il-darba qatalhom il-wires tat-telephone ukoll. Kien hemm iktar battibekki fuqhom ghaliex is-Sur Spiteri kien kontra din il-kostruzzjoni. Fil-fatt gurnata qabel is-Sur Spiteri kien ghamel rapport kontra S-Sur Micallef li dan qed jibni minghajr permess tal-MEPA u ghalhekk jiena ghaldaqstant tlabt lis-Sur Micallef il-permess tal-MEPA li pprezentajt hawnhekk." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 426 Anthony Portelli li fis-Seduta ta' 13 ta' Novembru, 2006, qal:

"Nghid li fit-3 ta' Novembru tas-sena kurrenti jiena kont qieghed xoghol. Kont qieghed fuq l-Ghassa Rabat Malta. Kont qieghed xoghol mis-siegha ta' wara nofsinhar sal-ghaxra ta' fil-ghaxija. Nghid li ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta' fil-ghaxija jiena kont gejt infurmat minn Joseph Micallef permezz ta' telefonata illi fir-residenza

tieghu kien hemm xi nar. Jiena mort ma PC 1546 Francis Gauci fir-residenza Romeo and Juliet Triq Ghexierem Rabat fejn fetahli s-Sur Joseph Micallef. Huwa beda jispjegali li huwa kien id-dar tieghu fejn huwa qed jaghmel xi xoghlijiet ta' estensjoni mad-dar. Huwa sema' xi hsejjes. Ghadda minn gol-bitha ghax hemm it-tarag ghax dana li jaghti ghal dana x-xogholijiet ta' estensjoni. Waqt li kien ghaddej ghal go dan it-tarag kien hemm Joseph Spiteri li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla li dan tefghalu qasrija kbira u siggu sabiex dan ma jippermettilux li jitla' t-tarag. Aktar minn hekk dan qalli wkoll li ra nar jaqbad. Dan in-nar rah jaqbad fejn hemm strippi tal-injam fejn qed isiru x-xogholijiet. Precizament dawk l-istrippi tal-injam huma shutters. Dawn ix-shutters jinghataw qabel, dawn ix-shutters jitqeghdu qabel ma jinghata s-siment.

Fil-fatt nghid li s-saqaf kien miksi b' dawn ix-shutters sabiex fil-ghodu jinghata s-siment. Dan qaluli Joseph Micallef. <u>Jiena kont rajt il-qasrija u s-siggu u meta tlajt fejn kien hemm ix-shutters innutajt li kien hemm recipjent tal-plastik imdewweb li dan kellu riha ta' fuel u kien hemm ukoll xi bicciet ohra tad-drapp li kienu fuq ix-shutter. Minn dawn ic-craret kien hemm minnhom li kienu mqabbda.</u> Fis-sens kienu mqabbda li kienu dehru li kienu qabdu bin-nar ghaliex meta mort jien fuq il-post Joseph Micallef kien lahaq tefa' n-nar bl-ghajnuna ta' l-iben l-imputat u cioe' Reno Spiteri. Jiena mbaghad tlaqt minn fuq il-post. Jiena mbaghad peress li l-imputat huwa garr ta' dan Micallef jiena mort fir-residenza tal-imputat. Huwa ma kienx qieghed hemmhekk. Jiena kellimt lil iben l-imputat kif ukoll mart l-imputat. Saqsejthom jekk kienx hemm fuel god-dar u sa fejn kienu jafu huma ma kien hemm xejn.

<u>Pero' nghid li fid-dar tal-imputat kien hemm riha qawwija ta' fuel.</u> Jiena tlaqt minn hemmhekk. Jiena bqajt mas-Sinjura Rita Muscat illi hija wkoll gara tal-imputat. Din kienet spjegatli li ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar kienet iltaqghet mal-imputat li f' idu kellu landa u hi kienet xammet riha ta' fuel hierga minn go din il-landa. Jiena sa kemm kont sejjer lura l-Ghassa r-Rabat ikkuntatjani kuntistabbli 56 Jean Karl Grech u dan infurmani li l-imputat kien mar l-Ghassa Rabat. Jien kif

inzilt nghid li jien kif wasalt l-Ghassa jien infurmajt lil imputat li hu kien qieghed taht arrest. Jiena tajt l-ordni lil PC 944 Godwin Caruana sabiex dan jaghmel search fuq l-imputat u jirregistrah fil-kotba taghna.

Meta ghamilna s-search l-imputat kien battal il-bwiet u kien tani zewg lighters tal-plastic. Jiena staqsejt lil imputat x' seta ikkawza bin-nar li kien qabbad u hu kien qalli li ddispjacih li n-nar li kien qabbad hu m' ghamilx il-hsara li xtaq hu. Dan id-diskors qaluli fil-presenza ta' PC 1546, ta' PC 944 u ta' PC 56. Nghid jiena lill-imputat ma kontx tajtu twissija ghax hu kien gie l-Ghassa minn jeddu. Huwa beda jitkellem minn jeddu. Jiena mbaghad infurmajt lil Ispettur Tonna dwar dan. Fejn huwa qalli biex jiena inizzel lil imputat l-Ghassa tal-Hamrun halli jkompli bl-investigazzjonijiet hu. Qed nesebixxi okkorenza imdahhla minni u minni iffirmata u qeghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok PAP 1." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, qal:

"Nghid meta jiena accedejt fuq il-post u dhalt fir-residenza ta' Micallef kien hemm biss Micallef prezenti."

Issir ukoll riferenza ghad-deposizzjoni ta' PC 56 Jean Karl Grech li fis-Seduta ta' 13 ta' Novembru, 2006, qal:

"Qed nigi muri dokument MT li jinsab minn fol 12 sa fol 16 tal-process. Nikkonferma din hija stqarrija tal-imputat Joseph Spiteri li qed naghrfu prezenti fl-Awla. Nikkonferma jien kont prezenti fit-tehid ta' din l-istqarrija. Nikkonferma l-imputat inghata twissija skond il-Ligi. Qed naghraf il-firma tieghi, dik tal-Ispettur Mario Tonna kif ukoll tal-imputat Joseph Spiteri li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed nagharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. Qed nigi muri d-dokument MT 1 li hija stqarrija ohra tal-imputat liema stqarrija hija datata 4 ta' Ottubru 2006 u li dina tinsab fol 17 sa fol 20 tal-process. B' referenza ghal din l-istqarrija nikkonferma l-imputat

inghata twissija skond il-ligi liema imputat qed naghrfu prezenti fl-Awla. Naghraf ukoll il-firma tieghi, dik ta' l-Ispettur Mario Tonna kif ukoll tal-imputat Joseph Spiteri li ghazel jiffirma din l-istqarrija. Il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq dina l-istqarrija. B' referenza ghal istqarrija esebita bhala dok MT li ghadni kif xehedt qabel dwarha dina iggib id-data tat-3 ta' Novembru 2006. U nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi l-istqarrija esebita bhala dokument MT 1 li tinsab minn fol 17 sa fol 20 tal-process dina iggib id-data tal-4 ta' Novembru 2006 u mhux tal-4 ta' Ottubru 2006.

Nixtieq nghid illi filwaqt PS 426 Anthony Portelli kien mar fuq il-post tal-incident jiena bqajt l-Ghassa tar-Rabat. Hin minnhom gie l-imputat Joseph Spiteri. Kien lest b' basket u hwejjeg. Qalilna kien gabhom biex ahna nohduh il-lock up. X' hin gie PS 426 l-Ghassa l-imputat fil-presenza tieghi qal lis-Surgent li hu n-nar kien qabdu hu u wkoll iddispjacih li n-nar m' ghamilx il-hsara li xtaq hu. Kienet saret tfittxija fuq l-imputat u nstabu zewg lighters fuq l-imputat." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, qal:

"Nghid illi dana l-imputat kien gab basket bil-hwejjeg u hin minnhom huwa hareg flokk ta' Manuel Dimech kif ukoll hareg xalla u libisom. L-oggetti kollha li gab mieghu l-imputat u cioe' il-basket u l-flokk u x-xalla kienu gew elevati. Nixtieq naghmel korrezzjoni li effetivament dak li gie elevat kien il-hwejjeg li kellu fuqu l-imputat inkluz ix-xall u l-flokk ta' Manuel Dimech pero' mhux il-basket. Nikkonferma li l-flokk ta' Manuel Dimech u x-xalla li libes l-imputat fl-Ghassa dawn gew elevati. Nghid li l-imputat fl-Ghassa Rabat kien liebes dan il-flokk li propjament kien T Shirt u mhux xalla fuq il-hwejjeg li diga' kellu fuqu."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph George Micallef li fis-Seduta ta' 13 ta' Novembru, 2006, qal:

“Prezentement jiena qieghed nibni fir-residenza tieghi Romeo Juliet Triq l-Gheriexem Rabat Malta. Nghid l-imputat li qed naghrfu prezenti fl-Awla huwa garr tieghi qeghdin back to back. Nghid fit-3 ta’ Novembru 2006 konna wasalna biex naghtu is-saqaf fil-bini tieghi. Kien hemm linja lest u nghid l-gara tieghi Rita Muscat li ghandha komun it-tarag l-istess ma tal-imputat qaltli mhux biex tallarmani rat l-imputat qieghed ittella’ jerry can bil-petrol. Jien staqsejtha kif taf li kien petrol din irrisponditni, u din kienet qaltli li kienet xammet ir-riha tal-petrol fit-tarag. Jiena rrispondejtha mela kien se jaqlali xi naqra trouble. Wara jien sibt lil kuntrattur Michael Scicluna peress li l-injam kien kollu tieghu u ghidtlu biex imorru nirrapurtaw l-Ghassa ghaliex skond il-gara kienet qaltli dak id-diskors.

Jiena mort l-Ghassa u ghamilt rapport u l-Ghassa qaluli li ma setghu jaghmlu xejn ghax kien ghadu ma ghamel xejn. Jiena ghidtilhom jiena nibza l-izjed ghax peress li jiena ndoqq fil-Hotels u l-mara sejra tkun baby sitter ma kienx ser ikun hemm hadd. U s-Surgent irrispondini li kienu se jzommu daqsxejn ghassa. Inzid nghid li jiena ftit qabel ma tlaqt ghax-xoghol nara lill-imputat li kien qieghed fuq il-bejt tieghu. Jiena cempilt lil ibni Daniel Micallef u jiena ghidtlu jekk kellu xi pjanijiet ihassarhom u jigi daqsxejn hawn, ispjegajtlu u ghidtlu ghaliex. U ghidtlu li qabel ma jigi hu ma kontx se nitlaq. Sa kemm ghamilt naqra te’ qalbi hebritni lil-imputat kien se jaghmel xi haga. Jiena mort ergajt ittawwalt u zammejt riha ta; petrol. Dana fuq in0naha ta’ wara fejn ghandi t-tarag. Jiena tlajt it-tarag. Nghid il-benneja kienu hallew hemmhekk xi sellum biex ikunu jistghu jitilghu fuq b’ mod li jkunu jistghu jitilghu u jinzlu. Jiena smajt il-passi fuq l-injam, ghidt nahseb hemm xi hadd fuq il-proprjeta tieghi. Jiena tlajt is-Sellum. Kif ezatt wasalt nofs is-Sellum rajt qisu fjamma kbir tan-nar u nara lil Spiteri fuq il-bejt tieghi. Jien ghajjatlu bdejt nghidlu ara x’ kien qed jaghmel u bdejt nghajjat.

Huwa rega’ qabez fuq il-bejt tieghu. Huwa qabad qasrija naqra kbira mhux hazin u ma laqatniex ghax warrabtilha. Hu ma laqatniex ghax jiena warrabtilha, kieku laqatni kont nispicca naqa xi tlett sulari l’ isfel. Huwa mbaghad

waddab xi zewg siggijiet.  Jien ergajt inzilt mis-sellum u mort nirraporta lill-Pulizija.  Il-Pulizija ghidtilhom li hu kien ta n-nar lill-injam u ghidtilhom ukoll biex jigu kemm jista' jkun malajr biex jitfu n-nar.  Jien imbaghad mort lura lejn id-dar tieghi, mort in-naha ta' wara tal-bini.  Tlajt in-naha l-ohra.  Kif tlajt in-naha l-ohra sibt lil iben l-imputat u mart l-imputat qeghdin jitfu n-nar.  Jiena nghid illi li kemm martu u iben l-imputat bdew igibuli l-ilma u jiena wkoll bdejt nitfi n-nar ghaliex kien naqra difficli biex titfih.  Wara xo ghoxrin minuta in0-nar tfejnih.  Innutajt illi fuq dan l-injam kien hemm hafna bcejjec tac-craret.  Jiena qbadt bicca minn dawn ic-craret u tfajthom fuq in-nar biex forsi nifgah.  U din hadet u qabdet mieghi.  Jiena mbaghad tajjartha.  Uhud mic-craret kienu qeghdin jaqbdu.  Nghid ic-caruta l-kbira li qbadt jien kienet imcappsa bil-petrol.  Nghid bhala nar kien hemm mhux hazin.  Nghid li l-jerry can li kien hemm kienet ghada taqbad.  Kien hemm l-injam li nqabad naqra imma mhux li saret hsara kbira.  Dan ghaliex ilhaqt tfejtu.  Imbaghad gew il-Pulizija u jien kellimt lil Pulizija." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' Rita Muscat li fis-Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006, qalet:

"Nghid fit-3 ta' Novembru 2006 ghal habta tat-3 ta' wara nofsinhar jiena kelli l-party tat-tfal u kont gejja lura id-dar tieghi.  Ir-Residenza tieghi hija Nru 4 Torri l-Ahmar Flatx number 2, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat, Malta.  X' hin kont diehla gewwa biex nidhol fir-residenza tieghi innutajt lil imputat Joseph Spiteri li qed naghrfu prezenti fl-Awla li kien qieghed diehel gewwa r-residenza tieghu b' jerry can mimli bil-fuel.  Jiena gara tal-imputat.  U nghid illi biex l-imputat juza l-bejt tieghu juza l-komun tal-flats taghna.  jiena ukoll xammejt irwejjah tal-fuel.  Nghid u dana waqt li kien fil-komun tal-flats taghna kien hemm riha ta' fuel fil-komun.  Nghid meta dhalt fil-flat tieghi jiena bdejt nahseb li dina r-riha ta' fuel bdiet thassibni hazin.  Stante li gieni dana s-suspett jiena mort inkellem lil George Micallef li huwa gar tieghi.  Jiena lil dana ghidtlu li jiena kont rajt lil Joseph Spiteri tiela' b' landa fuel.  Ghidtlu wkoll li xammejt ir-riha tal-fuel u ghidtlu wkoll li hassibni hazin.  Nixtieq

nghid li dana kien ghadu kemm saqqaf il-bejt bl-injam. Aktar tard fil-ghaxija jiena hrigt u ma kontx id-dar. Fuq il-mobile phone sibt missed call minghand ibni. Jiena cempilt lil ibni u dana qalli, u qalli li sema' ghajjat u ra hruq. U t-tifel qalli li dan rah mit-tieqa li ghandu fil-kamra tieghu.

Xi tlett ijiem jew erba' wara jiena rajt il-post fejn sehh il-hruq u nghid dana z-zona fejn sehhet il-hruq, nghid illi dina kienet fuq fejn kien hemm imsaqqaf bl-injam u nghid dak is-saqaf imiss mal-propjeta tieghi. Nghid ukoll illi meta sehh il-hruq ibni Arton kien qieghed id-dar. U dan ghandu erbatax il-sena."

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, qalet:

"Nixtieq nghid u nippreciza minn domanda li qed issirli mill-kontro Ezami illi l-jerry can li rajtu jgorr l-imputat jiena, din kienet jerry can ta' kulur, li kienet jerry can trasparenti u nghid illi deher illi kien hemm likwidu li nista' nghid li bhala kulur qisu kulur kannella car. Nghid illi l-imputat kien qed igorr il-jerry can b' idejh it-tnejn u innutajt li kien hemm tap. Jiena ma rajtux l-imputat hu u jgorr dina l-jerry can li kellu xi spillage minn gol-jerry can. Nghid jiena lil imputat rajtu johrog il-jerry can minn wara tal-karozza tieghu u rajtu wkoll idahhalha id-dar tieghu. U nghid illi stante li kienet tidher tqila il-jerry can l-imputat beda jzommha din il-jerry can b' idejh it-tnejn u beda miexi qisu jitbandal stante t-toqol tal-jerry can.

Fuq domanda li qed isirli mid-Difiza u cioe' stante li allura l-jerry can kienet maghluqa kif jiena xammejt riha ta' fuel fil-parti tal-komun nghid jiena fil-parti tal-komun ir-riha ta' fuel xammejtha. Meta jiena xammejt ir-riha fil-komun il-jerry can ma kenitx qeghda fil-komun. Nghid illi l-imputat Spiteri u Micallef il-garr tieghi kellhom inkwiet bejniethom u stante li Micallef kien hu li saqqaf jiena peress li gieni suspett minhabba l-fuel ghalhekk mort inkellem lilu. Jiena nghid li meta Spiteri kien qieghed johrog il-jerry can mill-karozza tieghu nahseb li kemm lili u kemm it-tfal tieghi

rana. Jiena dak il-hin kont ghadni fil-karozza. Jiena once li kellimt lil Micallef u ghidtlu bis-suspett tieghi u dina haga illi rajt lil imputat bil-jerry can u li xammejt ir-riha jiena ghalija hassejt li ghalija bizzejjed kelli naghmel. Nikkonferma, nghid illi il-bejt bl-injam fejn kien ha jsaqqaf Micallef u l-propjeta tieghi imissu ma xulxin." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 453 Brian Cassar li fis-Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006, qal:

"Nghid illi fuq inkarigu ta' l-Ispettur Mario Tonna jiena gejt ordnat nigbed ritratti. Qieghed nigi muri dokument dok TMP 6. Nghid dawna r-ritratti konsistenti fi 32 ritratt tal-kulur nikkonfermali gbithom jiena. Dawn ir-ritratti jiena gbidthom fit-3 ta' Novembru 2006. Diversi ritratti ittiehdu rigwardanti r-residenza Romeo Juliet Triq Gheriexem Rabat Malta imbaghad hemm ritratti ohra li gew mehuda minn gewwa d-dar Dar it-Torri l-Ahmar, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat Malta. Din ta' l-ahhar li semmejt ta' l-ahhar li semmejt bhala post kienet ir-residenza ta' Joseph Spiteri qed naghrfu prezenti fl-Awla. Imbaghad hadt xi ritratti ta' hwejjeg li kien liebes l-imputat. Dawn ir-ritratti hadthom gewwa l-Lock up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija."

Issir ukoll referenza ghat-traduzzjoni bil-Malti tad-deposizzjoni ta' Geraldine Rita Spiteri li fis-Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006, bil-lingwa Ingliza qalet:

"<u>Il-Qorti ghadha kif spjegatli dwar il-fatt li jiena mart l-imputat u dwar id-drittijiet tieghi fil-kaz li jien nixhed jew ma nixhidx f'dan il-kaz u nixtieq niddikjara li jiena nixtieq nixhed f'dan il-kaz.</u> Fl-ewwel gimgha ta' Novembru ghall-habta tas-7.00 pm jiena kont id-dar Dar it-Torri l-Ahmar, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat Malta. Kont ghadni nirritorna d-dar mix-xoghol. Kont ser nipprepara l-ikel, korrezzjoni jiena sajjart l-ikel u kielna. Jiena kont qeghda niekol ma' zewgi. Imbaghad zewgi l-imputat mar fuq il-kompjuter. Jiena tlajt fuq il-bejt ghall-hwejjeg. <u>Meta jiena kont tiela fuq il-bejt, rajt lil zewgi niezel minn fuq il-bejt. Ahna ghandna</u>

gnien fuq il-bejt u assumejt li zewgi kien qieghed jiehu hsieb il-pjanti. Zewgi kien niezel minn fuq il-bejt, ma kellu xejn f'idejh. Jiena komplejt tiela ghal fuq il-bejt u rajt il-fjammi. Ma nafx x'gara. Jiena rajt in-nar u ippruvajt nitfih. Peress li Ghandi l-ilma fuq il-bejt minhabba l-pjanti jiena uzajt l-ilma niex nipprova nitfi n-nar.

Wara ftit sieghat ibni Rene gie jaghtini l-ghajnuna. In-nar kien ghadu jaqbad. Pero' jien tfajt l-ilma fuq in-nar u irnexxieli nitfi parti minn nar. Imbaghad gie it-tifel tieghi biex jghini, imbaghad bl-ghajnuna ta' ibni irnexxielna nitfu n-nar. Irnexxielna nitfu n-nar f'inqas minn hames minuti." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 1546 Francis Gauci li fis-Seduta ta' 22 ta' Jannar, 2007, qal:

"Nghid illi fit-3 ta' Novembru tas-sena 2006 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm) jien ircevejt telefonata li gewwa Dar it-Torri l-Ahmar u din it-telefonata rcevejtha minghand certu Joseph Micallef dan informani li kellu bzonn fire engine ghaliex kellu s-saqaf tad-dar tieghu qed taqbad. Nghid illi jien lis-Surgent PS 426 u wkoll cempilt ghal fire engine u jien u s-Surgent morna fuq il-post. Habbatna fir-residenza ta' Joseph Micallef u dan ghal xi tlett (3) darbiet u dak il-hin ircevejna telefonata mill-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat illi certu Joseph Spiteri mar l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat u ahna ghidnielhom biex izommuh hemmhekk. Wara ftit morna inhabbtu fir-residenza ta' Joseph Spiteri imma Joseph Spiteri li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u dan fethet il-mara tieghu u x'hin staqsejnieha dwar ir-ragel taghha din qaltilna li hu kien hareg mid-dar b'basket f'idejh u li kien baqa' sejjer l-Ghassa tar-Rabat. Meta staqsejnieha x'kien gara din kienet qaltilna li ma kienet taf b'xejn. Hi qaltilna li kient semghet storbju fuq il-bejt waqt li hi u binha kienu isfel fid-dar taghha u hi ziedet tghidilna li huma telghu fuq il-bejt u Joseph Spiteri zewgha qalilha li hu kien sejjer l-Ghassa tar-Rabat. Nghid illi meta ahna konna fir-residenza ta' Spiteri xammejna riha ta' pitrolju u ergajna mmorru nhabbtu d-dar ta' Joseph Micallef u dan fethilna.

Hu qalilna li ma kienx fethilna mill-ewwel ghax hu kien qed jitfi n-nar ta' fuq il-bejt. Ahna dhalna gewwa u tlajna fuq il-bejt u ahna u tilghin Micallef uriena qasrija kbira u nghid illi din dehret li kellha daqqa pero' ma kenitx imkissra imkissra, u nghid illi dan qalilna dan Micallef li kien Joseph Spiteri li kien waddabielu. Kien hemm ukoll siggu li kien qieghed fix-shaft taht it-tarag li Micallef kien qalilna li Joseph Spiteri kien waddabulu wkoll. Ahna tlajna imaghad fuq il-bejt u tlajna permezz ta' sellum u fuq il-bejt kienu jidhru bicciet ta' craret qishom bicciet ta' flokkijiet li kienu mahruqin u dawn kienu mitfijin. Kien hemm craret ohra li kienu jidhru li ma kienu mahruqin. Jien fl-ebda hin ma rajt in-nar jaqbad. Nghid illi pero' kien hemm riha ta' hruq. Nghid illi c-craret kienu jidhru mxarrbin b'xi likwidu qisu pitrolju u meta staqsejna lil Micallef x'kien cara hu kien qalilna li Joseph Spiteri kien tefaghlu xi bicciet tac-craret jaqbdu ghal fuq ma xi oggett qisu container mdawwrin mieghu c-craret u dawn tefaghhomlu ghal fuq il-bejt fejn kien hemm l-injam fuq il-bejt. Lilna Micallef qalilna wkoll li mart u iben Joseph Spiteri kienu gew jghinuh biex jitfi n-nirien. Jien imbaghad wara kont ergajt mort fuq il-post meta kont hadt lil tas-SOCO biex nurihom u dan meta hadthom jaraw ir-residenza ta' Joseph Micallef u dawn elevaw xi oggetti fosthom xi craret u wara saret searc fir-residenza ta' l-imputat Joseph Spiteri. Fuq il-bejt ta' Spiteri sibna tlett (3) flokkijiet li pero' ma kienux imxarrbin b'xi likwidu bhal pitrolju. Nghid illi fl-Ghassa tar-Rabat iktar tard konna prezenti jien u s-Surgent PS 426 u hemmhekk konna prezenti waqt li saret search fuq il-persuna ta' l-imputat Joseph Spiteri. Ahna sibnielu zewg lighters u meta s-Surgent kien staqsa lill-imputat jekk kienx hu li kien ghamel dak il-hruq huwa, l-imputat, irrisponda li iva u qal ukoll jiddispjacini li n-nar ma kompliex jaqbad."

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 944 Godwin Caruana li fis-Seduta tas- 27 ta' Frar, 2007, qal:

"Nghid illi fit-3 ta' Novembru tas-sena 2006 u dan ghal habta tat-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija l-Ghassa Rabat Malta kien hemm certu Joseph Spiteri li qed naghrfu prezenti fl-Awla.  Jiena gejt imqabbad mis-Surgent tieghu

u cioe' minn PS 426 biex naghmlu search fuq il-persuna tal-imputat u fil-basket li kien qieghed igorr. Nghid illi minn din is-search irrizulta li f' but minnhom tal-qalziet tieghu l-imputat kellu zewg lighters. U fil-presenza tieghi l-imputat qal is-segwenti kliem *Jiddispjacih li ma qabadx kollox ghax b' hekk kien jiehu Gustizzja."*

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, qal:

"Prezenti mieghi f' dina s-search li saret fuq l-imputat kien hemm Ps 426 u PS 1546. dwar il-fatt li saret search fuq basket ma jhidirliex li kien hemm iktar minn basket wiehed pero' ma neskludiex li seta' kien hemm tnejn. Nghid illi fil-basket jew basktijiet li fittixna dawn kien hemm hwejjeg personali. Jiena m' ghandiex idea ghala l-imputat kien gie l-Ghassa bil-basktijiet. Li naf huwa li fl-Ghassa taghna kien dahal rapport dwar xi fire. Dan kien dahal izjed qabel ma l-imputat kien gie l-Ghassa."

Issir ukoll referenza ghat-traduzzjoni bil-Malti tad-deposizzjoni ta' Rene Spiteri li fis-Seduta tas-17 ta' Frar, 2006, bil-lingwa Ingliza qal:

"Jiena iben l-imputat Joseph Spiteri u ghaldaqstant ma nixtieqx li nixhed f'dan il-kaz kontra l-imputat missieri."

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' Michael Scicluna li fis-Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007, qal:

"Nghid illi fl-incident ta' hruq li sehh fit-3 ta' Dicembru 2006 go fi Triq Gheriexem Rabat Malta jiena kont hemmhekk kont bnejt id-dar u s-saqaf ta' wiehed li naf li jismu Joe. Jiena din id-dar bnejta ilu fi Triq Gheriexem Rabat Malta u nghid illi jiena f' dina l-propjeta' dakinhar tat-3 ta' Novembru 2006 kelli hemmhekk injam li jappartjeni lili, kelli wkoll travetti u gakkijiet. U nghid kagun ta' dan il-hruq jiena l-affarijiet li kelli soffrejt hsarat fl-ammont ta' cirka mija u hamsin lira Maltin. Nixtieq hawn hekk nippreciza li dana in kwantu ghal ammont ta' hsara fuq

oggetti tieghi li kienu hemm fil-post. Nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi ghalkemm kif semmejt jiena kien hemm travetti, gakkijiet u njam li jappartjenu lili l-hsara grat biss fuq l-injam in kwantu li l-injam inharaq. U nghid bhala ammont ta' njam mahruq li kien jappartjeni lili nerga' nghid li dan jiena nistmah bhala fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, qal:

"Nghid illi dana l-injam kien qieghed hemmhekk biex jinghata l-konkos fuqu biex isir saqaf. U nghid imbaghad ovvjament l-injam jiena wara nohodhom lura. Finalment nghid illi s-saqaf kien sar u jiena mill-injam kelli nibdel xi ftit minnu. Jiena nghid illi b' injam meqrud kien hemm mija u hamsin lira. Pero' li nzid nghid ukoll li kien hemm hafna iktar injam li ma kienx inharaq."

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' l-imputat Joseph Spiteri li fis-Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008, qal:

"Nghid illi jiena qabel ma' dak li sehh fit-3 ta' Novembru 2006 kelli seba' (7) kawzi miftuhin kontra tieghi u dana kemm b'inizzjattiva ta' George Micallef kif ukoll b'ordnijiet tas-Sanita' jew tal-pulizija. Nixtieq nghid ukoll illi precedentament ghad-data tat-3 ta' Novembru 2006 jien kont sibt sigarett li kien maqsum u dana sibtu fil-31 ta' Lulju 1999. Dana sibtu fir-residenza tieghi fl-entratura tal-flats anzi nghid fil-parti tal-komun tal-flats. Jiena kont ghamilt rapport lill-pulizija dwar dan, pero' dan kien bla ezitu. Nixtieq nghid illi George Micallef lili jien joqghod jitlaghli fuq il-bejt u nghid li dan kien jitlaghli fuq il-bejt u darba minnhom fil-prezenza ta' marti kont ghidtlu illi jekk ikun irid jirranga t-tank ma kontx ser insib oggezzjoni li dana jitlobni u inhallih jitla' fuq il-bejt. Dan irrispondini li hemm kien tieghu. Jiena imbghad qabad siga u qtajtlu l-pajpijiet. X'hin tbattal it-tank nizzilt it-tank minn fuq il-bejt tieghi ghal fuq il-bejt tieghu. In kwantu ghal dak li sehh fit-3 ta' Novembru 2006, jiena kelli l-kopja tal-planning autorithy li kienet tghid 'rifjuza' ghal dak li ried jaghmel George Galea.

Qieghed nesibixxi dina r-rifjuza bhala dok SJ 1. ……. Jiena fit-3 ta' Novembru 2006, u anke fil-granet ta' qabel kont cempilt lill-planning autorithy dwar il-kostruzzjoni li kien qieghed jaghmel dan George. Kellimt lil certu Pandolfino, anzi nghid ippruvajt inkellem lil certu Pandolfino pero' dana hallini xi kwarta, ghoxrin minuta nistenna. U imbghad jiena tkellimt ma xi persuna ta' l-awtorita tal-planning autorithy u ikkomplenjajt dwar il-mod kif kont gejt trattat. Dina imbghad qaltli li l-ghada kien ser jigi ikellimni Pandolfino, u fil-fatt l-ghada gie. Jiena ma dan Pandolfino espremejt il-biza' tieghi illi seta' jkun hemm dana x-xoghol ta' kostruzzjoni b'biza' ghall-istruttura tal-bini tieghi.

Dan Pandolfino irrispondini li hu kien ser isifer ghal-tmint (8) ijiem u imbghad meta jigi lura jkellimni. U dan spicca ma gie qatt. U hawn nixtieq nghid li dawna sehhew hafna qabel id-data tat-3 ta' Novembru 2006. Jiena hassejtni frustrat. Mort l-ghassa u nghid illi jiena spiccajt biex ghamilt mijiet ta' rapporti l-ghassa. Jiena li ridt naghmel kien li jiena inqabbad l-injam li kien hemm tal-kuntratturi biex dana issir toqba b'hekk l-ghada il-haddiema ma jkunux jistghu jahdmu. U dana peress illi l-pulizija jien hassejt li ma hadux passi, allura jiena spiccajt biex ghamilta jien din il-bicca xoghol u nghid illi fit-3 ta' Novembru 2006. U jiena nghid li ghal daqs tant fit-3 ta' Novembru 2006, ghal habta tas-sitta u nofs (6.30) ta' fil-ghaxija, jiena, u dan minghajr ma ridt naghmel periklu ghall-hajja ta' marti, ta' mart George Micallef u ta' l-istess George Micallef jiena qabbadt l-injam li kien hemm fuq is-saqaf tar-residenza 'Romeo Juliet', Triq Gherixen, Rabat, Malta. U dan ghall-fini biex nipprova inwaqqaf lill-haddiema milli jkomplu jaghmlu ix-xoghol fuq l-istess saqaf. Jiena biex inqabbad dana l-injam uzajt craret li kelli id-dar u uzajt ukoll petrol. Nghid illi jiena il-petrol xtrajtu. Jiena spiccajt biex, u jiena dwar dan kont konsapevoli, ghamilt il-hsara fis-saqaf tar-residenza 'Romeo Juliet', Triq Gherixen, Rabat, Malta. Ghaliex jiena jekk ma kontx ser naghmel dak li ghamilt, kienet ser tispicca li hsara kienet ser issir lill-propjeta' tieghi, cioe' jista' jkun li kienet ser issir hsara lill-propjeta' tieghi. U

<u>nghid illi peress jiena ukoll kelli ntenzjoni li kont naqbad mazza u nkisser dana l-injam li kien hemm pero' ghidt illi bil-hoss kien jismani George Micallef u konna nispiccaw niggieldu jiena u hu u seta' spiccajna minn fuq ghal isfel.</u>

<u>Jiena li innutajt kien li l-injam li gralu kien li nharaq superficjalment. Nghid illi Geroge Micallef kien qieghed taht sellum tal-bennejja u beda' jghajjat u jiena kont naf li lilu ma stajtx nolqtu. Pero' biex dana ma jitlax is-sellum u jigi hdejja, jiena kien hemm qasrija, u waddabt il-qasrija ghal gewwa ix-xaft u waddabt ukoll siggu tal-plastic. U ghal daqs tant nghid li kemm il-qasrija u kemm is-siggu li waddabt spiccaw gewwa ir-residenza tal-familja Micallef. Nixtieq nghid illi f'dati precedenti ghat-3 ta' Novembru 2006, dan George Micallef kien uza anki l-vjolenza fizika fil-konfront tieghi. Nghid li l-injam li jiena qabbadt fuq is-saqaf tad-dar ta' George Micallef jiena kont naf li kienu tal-kuntrattur Michael Scicluna.</u>" (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzi skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' rinviju tieghu li tinsab a fol. 139 tal-Process jirrizultaw b'mod sodisfacenti u f'dan ir-rigward a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghas-suespost u senjatament ghal dak sottolinjat minn din il-Qorti.

Rat l-artikoli 316(b), 317(a)(ii), 318, 325, 339(b), 339(c) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Spiteri hati tal-akkuzi skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' rinviju tieghu li tinsab a fol. 139 tal-Process u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta avanzata tal-imputat, il-fedina penali ta' l-imputat u l-entita tal-hsara kagunata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Spiteri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tmien (8) mitt Euro (Euro 800) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-

imputat Joseph Spiteri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Joseph Spiteri sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ Euro erba’ mija u ghoxrin Euro u disa u hamsin centezmi ta’ Euro (Euro 420.59) rappresentanti spejjes inkorsi f’din il-kawza rigward il-hatra ta’ esperti.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 torbot lill-imputat Joseph Spiteri b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ George Micallef u l-familjari tieghu ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------